KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

**23 ta' Mejju, 2024**

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.10pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A[3]):

Stephen Gauci
Joseph Bajada

ASSENTI

Stephen Gauci
Joseph Bajada

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

Kunsill Lokali Ta' Sannat, Triq Sannat, Ta' Sannat, SNT 9020, Għawdex - Malta
Tel: 00356 21554747, Fax: 00356 21563535, email: sannat.lc@gov.mt, website: http://www.sannat.gov.mt

# Aġenda Nru. 69

69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 68
69.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita;
69.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
69.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet
69.6 Komunikazzjoni;
69.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2024;
69.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Il-kunsillier Stephen Gauci u l-kunsillier Joseph Bajada bagħtu ittra ta' imejl li ma' jistgħux jattendi.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 69

69.2.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-laqgħa tista' ssir għax hemm quorum, peress li hemm żewġ kunsilliera preżenti u kunsillier qiegħed b'mod virtwali. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 69. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 69.3 **Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita**

69.3.1 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li issa l-proġett qed jingħalaq u wasal fl-aħħar fażijiet. Illum stess, waslu l-pots u lbieraħ ġie mpoġġi s-salib li se jkun fiċ-ċentru tal-pjazza. Beda jinħasel il-porfido fejn hemm is-siġra ta' l-Awrikarja, u wieħed jista' jara li l-kuluri tal-porfido ħarġu ħafna. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq iz-zuntier, baqa' jiġu l-bonavostri li huma magħmulin minn *local hardstone*, materjal b'saħħtu ħafna. Il-pots li nġabu issa jridu li toħroġ il-*quotation* biex dawn jintlew bil-ħamrija u l-pjanti. Madwar il-konak ta' fejn hemm is-siġar iridu jitħawwlu l-fjuri, kif ukoll fil-konka ta' l-Awrikarja jridu jitħawwlu xi pjanti u fjuri, peress li hija ftit kbira.

69.3.2 Xogħlijiet li baqa' fil-pjazza jinkludu, l-konka tas-siġra ta' l-Awrikorja li se tiġi miksija bit-trevertin u l-wiċċ ta' fuq se jitpoġġa l-injam biex wieħed ikun jista' jpoġġi bilqiegħda u jservi bħala bank. Id-daħla ta' sqaq ta' Triq Xamgħan ta' fejn hemm il-mużew, tpoġġa l-porfido u issa se jsir il-grouting u eventwalment issir ħasla tajba. Il-viċi sindku staqsiet fuq dak il-ħajt li nbena mill Pjazza ghal fejn il Muzew hux se jitneħħa biex ikunu jistgħu jgħaddu n-nies. Is-sindku qal, li fil-verità ma kienx jaf jew gie infurmat li se jsir dan il-ħajt tal-bricks, però ġie assigurat li dan se jitneħħa. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva ħafna mistoqsijiet fuq dan il-ħajt u anki għal-fatt ta' nuqqas ta' tabelli. Is-segretarja eżekuttiva qalet li hemm xi katina, però s-sindku ma jafx għal liema skop qiegħda hemm. Kif wieħed jista' jissoponi, dan il-ħajt sar għal-fini ta' prekawzjoni marbuta ma' saħħa u sigurtà, qal is-sindku.

69.3.3 Il-parti li għadha magħluqa fil-pjazza Santa Margerita għadha ma nfetħitx, avolja issa għaddew tliet ġimgħat u l-*grouting* tella' s-saħħa meħtieġa. Dan għal-fatt li l-kuntrattur kellu jqaxxar il-wiċċ tat-triq tal-parti t'isfel u jsir asfaltar ġdid. Però, sfortunatament dan

għadu ma sarx u l-kuntrattur issa qal li se jqaxxar it-triq is-Sibt li ġej u finalment jagħti t-*tarmac* it-Tnejn ta' wara. Għalhekk ma jagħmilx sens li tinfetaħ it-triq u terġa' tingħalaq. Is-sindku qal li qiegħed f'kuntatt il-ħin kollu mal-kuntrattur. Naturalment, hemm bżonn ukoll li titqaxxar biċċa minn Triq Dun Xand Aquilina biex tingħata t-*tarmac* biex tiġi livell mal-*gutter*, kif ukoll fejn tkisser id-dranaġġ mill-*water works* ukoll se titqaxxar u se tingħata *tarmac*, spejjeż tal-*water works*. Is-segretarja eżekuttiva se tibgħat imejl lill-*water works* biex tinfurmawhom bix-xogħlijiet li se jsiru. Is-segretarja eżekutiva staqsiet hux se jsiru xi xogħlijiet fi Triq Ta' Ċenċ fejn hemm il-*gutter*, però s-sindku qal li l-perit ikkonferma li mhemmx għalfejn għax qiegħed livell. Fuq Triq Dun Xand Aquilina, is-segretarja eżekuttiva qalet li persuni ġibdu l-attenzjoni li blokok tal-konkos qegħdin fuq il-bankina biex iżommu faċċata ta' bini li fih qed isiru xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Permess hemm biex isir dan l-iżvilupp, però s-segretarja eżekuttiva qalet li ma sabet l-ebda dokumentazzjoni li hemm xi permess biex ipoġġi dawn il-blokok tal-konkos. Għalhekk il Kunsill iddeċieda li se jintalab biex sid il-propjetà iġib il-permessi neċessarji.

69.3.4 Il-bankijiet tal-pjazza qegħdin hawn, pero dawn mhux se jiġu nstallati qabel ma jsir il-ħasil tal-pjazza. L-installazzjoni, skont is-sindku tieħu madwar jumejn.

69.3.5 Rigward l-inawgurazzjoni tal-proġett, wara konsultazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex mhux se jsir fil-25 ta' Mejju, dan biex ma taħbatx mal-festa tal-Munxar. Għalhekk, skont diskrezzjoni ta' l-uffiċċju tal-Prim Ministru, l-inawgurazzjoni se ssir fl-1 ta' Ġunju. Bħala l-orġanizzazzjoni ta' din iċ-ċerimonja, issa qegħdin f'idejn l-uffiċċju tal-Prim Ministru flimkien mal-Ministeru għal Għawdex. Is-sindku kkonferma, li kull irċevuta li se tiġi mħallsa relatata ma' l-inawgurazzjoni, il-kunsill se jiġi *reinbursed* mill-Ministeru għal Għawdex. Is-segretarja eżekuttiva qalet li waqt l-inawgurazzjoni se jkun hemm logħob tan-nar, u l-kunsill qiegħed jieħu ħsieb rigward permessi, skorta tal-pulizija u fire-engines disponibbli fuq il-post. Qed jiġu diskussi affarijiet oħra marbuta ma' l-inawgurazzjoni, fosthom r-riċeviment ta' dak inhar mal-Ministeru għal Għawdex aġġorna s sindku. L-inviti għal inawgurazzjoni se joħorġu mill-Ministeru għal Għawdex. Naturalment, il-kunsill jixtieq li jkun hemm invit miftuħ għal residenti Sannatin. Il-kunsill talab li jkunu mistednin b'mod speċifiku president u s-segretarju ta' kull għaqda li nsibu fir-raħal, kleru, kunsillieri attwali u preċedenti, persuni li rebħu Ġieħ Sannat matul is-snin, kif ukoll l-ambaxxaturi taż-żagħżagħ, li preżentament m'hemm ħadd u l-applikazzjoni hija miftuħa.

.

## 69.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

69.4.1 Is-Sindku qal li beda x-xogħol fuq Triq Parinji u parti mit-Triq Gerxija eżattament Triq Zabbetta. Fi Triq Parinji, kif ġie diskuss f'laqgħat preċedenti, qed isiru s-servizzi ġodda ta' l-ilma kif kien miftiehem ma' l-*Water Works Corporation*. Peress li ser isiru żewġ *mains* ta' l-ilma, wieħed kull naħa tat-triq kien hemm diffikultà fuq main minnhom li kien qed jaqbeż bi ftit il-bankina. Dawn ix-xogħlijiet taħt is-superviżjoni tal-*Water Works* qed isir mil-kumpanija Road Structures Ltd. Però, skont l-informazzjoni li għandu is-sindku, din il-problema ġiet solvuta. Malli jeħilsu minn dawn ix-xogħlijiet tas-servizzi, tidħol il-kumpanija l-oħra Gatt Tarmac Ltd. Li għandha t-tender ta' l-asfaltar u tibda xogħlijiet tal-*concrete gutters*. Minn naħa l-oħra, l-kumpanija Road Structures Ltd. x'ħin jitlestu x-xogħolijiet fi Triq Paranji, tkun tista' tibda x-xogħlijiet fi Triq Dun Lazzru Camilleri biex eventwalment jibqgħu sejrin sa Triq Xamgħan. Kif ġie spjegat f'laqgħat preċedenti bilfors iridu jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Dun Lazzru Camilleri u jdur għal Triq Xamgħan. Rigward Triq Żabbetta, dan ser isir wiċċ ġdid tat-*tarmac*. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li biex tkun ċara hemm LA ta' l-ilma fuq Triq Dun Lazzru Camilleri weħidha, hemm LA ta' l-ilma fuq Triq Xamgħan waħidha u hemm LA tad-dranaġġ it-tnejn flimkien. Is-segretarju wkoll talbet *summary* zgħira mingħand l-inġinier fuq dan il-proġett.

69.4.2 Rigward il-playing field ta' Triq Marżiena, is-sindku ħabbar li fi żmien li ġej se jibdew ix-xogħlijiet, hekk kif kien ħareġ it-*tender* f'Diċembru u ġie aġġudikat. Il-kunsill rċieva diversi lmenti rigward l-istat preżenti ta' dan il-*playing field*. Il-fondi ġew aġġudikati minn naħa tad-DPF u iffirmat il-kuntratt u l-kunsill qed jistenna l-kuntrattur biex jibda x-xogħlijiet. L-unika ħaġa li jista' jagħmel Il-kunsill bħalissa huwa li jagħmel *billboard* quddiem il-*playfield* biex juri kif inhu ġej il-proġett. Is-segretarja eżekuttiva qalet li waqt li qed jiġu mibdulin il-*playing eqiupment*, fl-istess ħin iridu jinbidlu id-dwal ta' fuq biex ikunu in standard, għax id-Dipartiment tad-DPF (*Development Planning Fund*) ma jħallasx jekk ma jkunux skont l-*istandard authority*. Il-kunsill qed jistenna mingħand il-kuntrattur rigward l-ispiża relatata mal-bdil tad-dwal.

## 69.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

69.5.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

69.5.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 69.6 Komunikazzjoni

69.6.1 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva imejl mingħand id-DLG lill-kunsill rigward l-*appraisal bonus* tas-segretarju eżekuttiv preċedenti. Is-segretarju eżekuttiv qalet li kkomunikat mad-DG is-Sur Vassallo. Is-sindku qiegħed f'kuntatt mas-segretarju eżekuttiv preċedenti u d-dipartiment konċernat, u flimkien għaddejjin id-diskussjonijiet, u se joġġorna lill-kunsilliera b'dawn it-taħdidiet.

69.6.2 Il-kumitat tal-festa Santa Margerita talbet bħal ma tagħmel kull sena, biex il-kunsill jiffinanzja l-permessi meħtieġa u anki l-kiri ta' *fire-engines,insurance*, permessi tal-pulizija waqt il-ħruq tan-nar. Is-segretarja eżekuttiva qalet li *fire-engines* u l-permessi tal-pulizija dawn jistgħu jiġu *claimed* mir-reġjun t'Għawdex dejjem a parametru taċ-ċirkulari li ħarġet mir-reġjun. Hija kompliet li r-reġjun permess ta' imejl, enfasiżża li kull kunsill japplika għal dawn il-*claims* għax inkella minn fejn se japplika biex iġib il-fondi r-reġjun mhux se jtuhom il-funds kollha. Il-kunsill diġa applika għar-*refund* tas-sena 2023 li fil-fatt il-kunsill diġa rċieva refund, kif ukoll l-kunsill applika għar-*refund* ta' attivitajiet li saru s issa fit- 2024. Is-segretarja qalet li bejn wieħed u ieħor l-*insurance* mitluba tammonta għal madwar €2,400, *fire-engines* madwar €1,030 u permessi tal-pulizija madwar €850. Naturalment, l-fondi allokat ma jkoprux l-ispejjeż kollha għalhekk il-kunsilliera qablu li joħorġu mill-kunsill l-ammont tad differenza. L-għaqda tan-Nar 20 ta' Lulju wkoll talbet biex il-kunsill, bħal ma ġara fi snin preċedenti, jisponsorja ix-xow nhar is-Sibt tal-festa Shades of Flames fuq l-iskema tal-*Cultural Funds* biex il-kunsill japplika f'isimhom.

69.6.3 Ħaddiem li jaħdem mal-kunsill, talab li jiġi kkompensat ta' l-ispejjeż marbuta mal-*fuel*, peress li jagħmel qadi marbuta mal-kunsill bil-vettura privata tiegħu. Din il-persuna bagħtet lista mill-bidu tas-sena sa' April, ta' fejn mar bl-użu tal-karozza privata tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li dawn kienu verifikati u aċċettati, però għandha issue żgħira biex

tara b'liema rata se jiġi mħallas għall-kumpens mitlub marbut mal-*fuel*. Il-kunsill qabel li jitħallas skont ir-rata li hemm fiċ-ċirkularijiet maħruġa mill-gvern.

Is-segretarja eżekuttiva bagħtet numru ta' skemi li ħarġu, li l-kunsill jista' jibbenefika
minnhom, fosthom dik tax-xiri ta' sigar taċ-ċitru u ż-żebbuġ biex jitħawwlu f'postijiet
pubbliċi fir-raħal. Is-segretrarja eżekuttiva qalet li ftit żmien ilu ħadmet fuq skema simili li
69.6.4 għandha x'taqsam mas-siġar, fejn l-unjoni Ewropeja qed tmexxi l-aġenda li jitħawwlu aktar
siġar. Il-kunsilliera qablu li l-kunsill japplika għal din l-iskema biex jitħawwlu anki għall-fatt
li jistgħu anki jitħawwlu ġo *pots*.

Il-kunsill għadda l-eżerċizzju ta' l-*audit* u ġie kkonfermat li l-ammont ta' żbilanċ fil-kontijiet
tal-kunsill huwa inqas milli kien qed jingħad oriġinarjament ghax kien hemm xi adjustments
69.6.5 waqt l audit minn RSM, liema adjustyments saru flimkien mal accountant tal Kunsill. Is-
segretarja eżekuttiva talbet l-approvazzjoni tal-kunsilliera fuq dawn id-dokumenti, flimkien
mal- Quarterly Performance Quater 1 2024 u l Procurement plan 2024. Il-kunsilliera qablu,
li jekk l audit u l Quarterly performance ġew iċċertifikati mill-*accountan*t tal-kunsill, allura
huma jagħtu l-approvazzjoni tagħhom u għaldaqstant se jiġu iffirmati wara l-laqgħa.
Approvaw ukoll il Procurement plan 2024.

Minħabba Triq Skerla u t-talba ta' devoluzzjoni ta' l-art minn naħa tal-kunsill, il-kunsill rċieva
69.6.6 kuntratt minn naħa ta' l-awtorità ta' l-artijiet u dan ġie ffirmat. Ma hemm l ebda rekord ta'
talbiet ohra rigward diun id devolution u kien hemm tfittxija fil minuti kollha u marru lura
ghal leġiżlazzjoni ta' qabel din ukoll. Il Kunsill qabel li t talba minn terzi tiġi rigward din l
open space fi riq Skerla tiġi aċċettata bi piena responsabilita' ghal din id deċiżjoni.

69.6.7

2.42pm il-laqgħa ġiet sospiża minħabba li nqata l-kuntatt online mal-kunsillier Tewma.

69.6.8

2.44pm il-laqgħa ġiet kompluta wara li ġiet irranġata l-kuntatt mal-kunsillier Tewma.

69.6.9

Is-sindku flimkien mal-viċi Sindku qablu li l-kunsill ma jistax joġġezzjona jew itellef sidien privati biex art tagħhom tiġi żviluppata. Is-segretarja eżekuttiv qalet li hi ma sabet l-ebda dokumentazzjoni ta' ftehim jew imniżżel f'xi minuti ta' laqgħat preċedenti ta' xi ftehim ma' sidien privati. L-uniku referenza f'termini ta' dokumentazzjoni, hija l-minuti tal-laqgħa Numru 48 ta' 17 ta' Jannar 2023 klawsola 48.4.7 numru fejn ġie referut li f'din il-laqgħa is-sindku talab biex tiġi devoluta biċċa art fi Triq Skerla. Il-kunsilliera qablu li l-perit tal-kunsill jissottometti d-dikjarazzjoni (PC Form) lill-awtorità ta' l-ippjanar fejn jgħid li l-kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex jista' isir żvilupp minn terzi persuni. Is-segretarja eżekuttiva nsistiet li din hija deċiżjoni li ttieħdet mill-kunsillieri u jekk fil-futur jkun hemm reperkussjoni fuq l-amministrazzjoni tal-kunsill mhux se tinġarr responsabilta' ghax m hemmx ir records cara t talba x kient u x tinvolvi. Is-sindku saħaq li l-perit qed jimxi b'mod professjonali u jekk ma

jkunx hemm din id-dikjarazzjoni, l-kunsill jista' jiffaċċja konsegwenzi minn terzi persuni.
69.6.10 Imbagħad sta għal-awtorità ta' l-ippjanar biex toħroġ jew le l-permess mitlub.

Il-kunsill rċieva ittra reġistrata mill-qorti t'Għawdex, b'risposta mibgħutha mill-avukat f'isem is-sezzjoni żgħażagħ Pawlini Munxarin ta' din is-sena. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li kien hemm qbil f'laqgħat preċedenti li kien se jkun hemm laqgħa mas-supretendent tal-pulizija, kif ukoll inbagħtu xi ittri lill-kumpanija ta' l-*insurance* li kien hemm minn naħa ta' din l-għaqda u l-kummissarju tal-pulizija. Is-segretarja eżekuttiva qrat ir-risposta mibgħuta mill-avukat f'isem is-sezzjoni żgħażagħ Pawlini Munxarin. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet din ir-risposta lill-avukat tal-kunsill lokali Ta' Sannat għal-parir minn naħa tiegħu. B'referenza għal permess li l-kunsilli Ta' Sannat ħareġ għal attivita ta' Fund raising minn naħa ta' l-għaqda tan-nar 20 ta' Lulju, is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill applika għan-nom ta' din l-għaqda mal-pulizija u t-transport Malta, u l-permess inħareġ għal bażi li din l-attività mhix se tittella fil-perimetru tal-*buffer zone*. Is-sindku qal, li l-għan tal-kunsill huwa li jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tar-residenti Sannatin u bl-ebda mod ma jrid itellef jew jostakola l-ħruq tan-nar tal-festa tal-Munxar. Il-kunsill qed jinnota, li sena wara sena qed jiżdiedu l-inċidenti. Sentejn ilu waqa' murtal f'residenza privata fejn seta' kellu reperkussjonijiet kbar. Is-sena l-oħra waqgħu parti minn murtali fi triq residenzjali u li konsegwenza ta' hekk, weġġgħu b'mod ħafif xi persuni li kienu hemmhekk. Il-kunsill bħalma għamel fi snin ta' qabel, kitbu lill-pulizija biex hekk il-kunsill ikun għamel dmiru u j'Alla ma jkunx hemm inċidenti u ma jkunx hemm rimors ta' azzjonijiet li setgħu ittieħdu. Is-sindku semma wkoll, li fil-*buffer zone* fejn jista jinħaraq in-nar, hemm l-iskola primarja u l-i*Special Unit*, u jekk l-fdalijiet tal-murtali ma jitnaddfux sewwa, jista' jkun hemm inċidenti serji. L-importanti hija li l-pulizija jafu x'inhuma jagħmlu u qed jissalvagwardjaw it-tfal u r-residenti. Jekk il-pulizija tat il-permessi neċessarji, l-kunsill qed jassumi li l-pulizija terfa' ir-
69.6.11 responsabilità kollha. Il-kunsillieri qablu mas-sindku.

L-accountant tal-kunsill issotometiet l-Quartely financial report Jan-Mar 2024 għal bażi tad-dħul u ħruġ li jkun għamel il-kunsill u l-konfermazzjoni tal-proġettazzjoni finanzjarji marbuta mas-sena 2024. Is-segretarja eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda dawn id-dokumenti biex il-kunsilliera jistew jarawhom. Il-kunsill għandu t-talba għall-pagament mingħand il-*project manager* tal-pjazza rigward fuq l-ammonti li jinkludi s-servizzi ta' l-*archeological monitoring* u d-dokumentazzjoni marbuta magħha, il-qlugħ tas-siġar, relokazzjoni u tħawwil tas-siġar, kif ukoll direct orders marbuta ma' l-isem Ta' Sannat li ġiet mpoġġija mad-daħla tar-raħal. Dawn l-ammont, li huwa ta' €24,056.94, se jintbagħtu lill-ministeru għal Għawdex għall-pagament. Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li dokumentazzjoni li jrid jiffirmaha biss s-sindku jew s-segretarja eżekuttiva iridu jsiru biss għal-bażi ta' dawn it-
69.6.12 tip ta' firem u mhux jintbghatu minn terza persuni ghan nom ta' dawn. Din mhux haġa aċċettabbli.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li rċiviet telefonata mingħand l-animal steward, rigward il-performance bonus. Is-segretarja eżekuttiva qalet li kellmet lill-*accountant* tal-kunsill fejn ikkonfermat, li hi ma tistax tħallas il-*performance bonus* skont il-kuntratt iffirmat ghax din il klawżola mhix inkluża. Is-segretarja eżekuttiva qalet il-kuntratt l-ġdid li ġie ffirmat u ma jkunx hemm klawsola fuq il-performance bonus, bħalma kien hemm fil-kuntratt preċedenti. L-animal steward qal, li stewards oħra irċivew il-performance bonus, avolja ma

kienx imniżżel. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tiċċekja ma' kunsilli oħra biex tara kuntratti ta' animal stewards, hemmx imniżżel performance bonus. Dan għall-fatt li jista' jkun bi żvista jew typo xi parti neqsin mil-kuntratt li rċieva l-kunsill Ta' Sannat fil passat

69.6.13 jew wara saret xi amenda ghal dan il kuntratt. Is-segretarja staqsiet lill-animal steward biex jiċċekkja eżatt fuq il-kuntratt tiegħu, forsi kien hemm xi addendum li ma kienitx fil-kuntratt li ntbagħat lill-kunsill.

Is-segretarja eżekuttiva qalet li hija qed tibgħat lill-kunsillieri ċ-ċirkulari li qed jirċievi l-kunsill. Il-kunsillieri kkonfermaw li dawn iċ-ċirkulari qed jirċivuhom. Is-Sa Geraldine bagħtet ukoll l-applikazzjonijiet tal-*planning authority* konċernati mal-lokalità Ta' Sannat. Is-

69.6.14 segretarju eżekuttiva ħeġġet lill-kunsilliera, biex jekk ikollhom xi oġġezzjoni jew klarifikazzjoni jibgħatulha.

Is-segretarja eżekuttiva qalet, li kellmet lill-perit fuq Sannat Road rigward il-kont tal-kuntrattur li bagħat lill-kunsill marbut mas-sistema ta' dranaġġ. Ilbieraħ stess, is-segretarja eżekuttiva tkellmet mal-perit, fejn qal, li minn naħa tiegħu ċertifikazzjoni marbuta max-xogħlijiet tad-dranaġġ kienet tammonta għalmadwar €5,000. Il-perit ikkonferma li l-ammont li qed jintalab, il-perit m'għandu l-ebda tip ta' ċertifikazzjoni marbuta. Skont id-dokumentazzjoni li hemm fil-kunsill, hemm irċevuta ta' *final payment* u l-proġett ġie magħluq. Is-segretarja qalet li milli jidher dawn l-*invoices* qatt ma ġew ippreżentati u għalhekk se titlob lill-ministeru għal Għawdex biex jiċċekjaw fuq dawn iż-żewġ *invoices*.

69.7

69.7.1

## Ilmenti u Suġġerimenti

69.7.2

Il-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill bagħat bis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex rigward it-talbiet li jsiru mir-residenti rigward bankini jew ħsarat.

Resident ressaq ilment għal hump li hemm fuq il-bankina quddiem il-lattrina pubblika għax
69.7.3 kien hemm anzjana li waqet f'dan il-post. Is-sindku qal, li trid tinżebaħ b'żebgħa safra
69.7.4 permezz ta' spray biex ma tkunx tiżloq u wieħed ikun jista' jagħti kasha. Is-segretarja
eżekuttiva semmiet jekk jistewx jagħmlu xi tip ta' *reflectors*, pero' l-kunsilliera kienu tal-
fehma li aħjar jinżebaħ għax dawn ir-*reflectors* joffru periklu li wieħed jista' jaqa' fihom.

69.7.5 Resident talab li jsir mera fi triq Mġarr ix-Xini għax il-mera reġet nieqsa. Is-sindku qal li
hemm ukoll mera li ġiet nieqsa wkoll fi triq il-Gruwa, u wieħed isib diffikultà biex joħroġ. Is-
sindku qal li mportanti li dawn isiru.

Il-kunsillier Tewma staqsa li resident ilment miegħu li hemm l-bankijiet fi Mġarr ix-Xini
mhumiex imwaħħlin. Is-sindku qal, li dawn kellhom jinqalaw għax hemm biċċa ċint li
tkissret peress li kien hemm sewwieq li sab diffikulta' biex jitla' bil-vettura tiegħu u kisser
69.7.6 parti minn dan iċ-ċint li taħtu hemm il-bankijiet. Naturalment, minħabba raġunijiet ta'
saħħa u siġurtà, l-bankijiet inqalgħu biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Malli jsiru x-xogħlijiet,
dawn il-bankijiet se jerġgħu jitwaħħlu.

Is-segretarja eżekuttiva rċiviet konforma wara numru ta' reminders mid-dipartiment
rigward il-depożitu marbut max-xiri ta' l-'E-van', fejn qed jinsistu li bagħtu l-pagament
f'Marzu 2023. Però skont l-*accounts statement* dawn ma jidhrux li daħlu u għalhekk is-
69.7.7 segretarja eżekuttiva talbithom il-*proof of payment* li s'issa għadu ma ntbagħatx. Is-
segretarja eżekuttiva qalet, li jekk sa xahar ieħor dawn ma jirrispondux, se tieħu parir legali
mingħand l-avukat tal-kunsill.

Il-kunsill rċieva ħafna lmenti rigward il-ġbir ta' żibel li ma jinġabarx u l-kunsill bagħat ilment
lir-reġjun t'Għawdex, li minn naħa tagħhom qalu li se jieħdu ħsiebha. Fil-fatt, is-sindku qal
li kellem personalment lill-kuntrattur, fejn anki ġie fil-fatt jiġbor iż-żibel fl-għaxija. Pero',
minn naha l-oħra, ra residenti li ħarġu l-borża taż-żibel fis-6.30 ta' filgħodu u xorta ma
nġabarx minn naħa tal-kuntrattur. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dan qed jiġri
69.7.8 repetutament u ironikament dejjem l-istess partijiet jew sqaqien. Is-sindku semma wkoll li
hemm ċertu żoni, l-iskart qed jinħareġ minn ġurnata qabel, fejn il-kunsill m'għandux
kontroll, però qed jissuġġerixxi li jsiru poles bil-ganċijiet fejn jistgħu jitwaħħlu l-boroż taż-
żibel.

Il-viċi Sindku staqsiet rigward il-*bring in sites*, fejn is-segretarja eżekuttiva qalet li tkellmet
mal-kumpanija in kwistjoni, fejn l-aħħar informazzjoni kienet li qed jistennew il-*container*
jasal Malta. Talbet ukoll l-għajnuna mingħand ir-reġjun t'Għawdex u anki kellmet
personalment lir-rappreżentant tal-kumpanija f'Għawdex li wegħdha li malli jaslu se jiġu
mpoġġija fil-post. Is-Sindku qal li l-kunsill flimkien mar-reġjun t'Għawdex qed jistennew
69.7.9 mingħand il-kuntrattur, hux possibli jsiru panneli fotovoltajiċi biex ikunu jistgħu jaħdmu l-
kameras tas-sigurtà (CCTVs), għax mhux vijabbli li jsir meter tad-dawl biex ikunu jistgħu
jaħdmu l-kameras tas-sigurtà. Il-kumpanija preċedenti Green Pack kellha l-kameras tas-
sigurtà jaħdmu b'enerġija rinovabbli.

69.7.10 Is-segretarja eżekuttiva qalet lill-kunsilliera, li meta jkollhom il-bord jibagħtu risposta kemm jista jkun malajr, biex anki dawn ikunu dokumentati. Is-segretarja eżekuttiva saqsiet fuq l-aħħar tender li ġie aġġudjikat, jiġifieri dawk tal-pots, biex ikollha aktar informazzjoni għax hi kienet indisponibbli. Is-sindku qal, li l-irħas ta' l-aġġudikazzjoni offerent ġie mitlub jibgħat xi speċifikazzjonijiet, dawn ma waslux u għalhekk it-tender ħadha l-irħas offerent – il-kumpanija 'Joker Ltd'.

69.7.11 Is-segretarja eżekuttiva qalet li persuna talab il-kunsill biex fi Triq il-Kbira jkun hemm aktar dawl, jitħares iktar il-limitu tal-veloċità u tiġi ristretta għal vetturi li mhumiex trakkijiet, Quadbikes, toktucks u anki ssuġġerixxa li jsiru aktar *dog bins* fl-isqaqien. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li tiġi ristretta għal ċertu vettura hija mpossibli għax din hija *mainroad*. Il-kunsill ukoll kellem lill-pulizija tal-komunità fuq il-veloċità tas-sewqan u anki saret laqgħa mas-supretendent. Is-sindku qal li fil-laqgħa li jsir ta' kull xahar mas-supretendent, kien issuġerixxa li jiġu pulizija bl-*speeding gun* kull tant żmien. Rigward id-dawl, is-sindku qal li hemm bozza mwaħħla ma' l-iskola l-qadima li issa mgħandhiex użu, u faċilment tista tinqala minn postha u titwaħħal f'post fejn jista tkun ta' użu fi triq il-kbira bl-inqas spejjeż. Il-viċi Sindku qalet, hux possibli li fi triq il-Kbira, jekk ma jsirx *sleeping police*, jistax isir tip ta' *rumbling*. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li billi hija triq residenzjali jista' jkun hemm xi lmenti minħabba storbju bil-lejl. Għalkemm ġie ssuġġeriet, li jsiru iktar marki fl-art li jindikaw l-speed limit ta' dik iż-żona.

69.7.12 Resident qed jitlob li ġebla li kien hemm fejn il-kantuniera is-sagristija li timmarka id-distanza minn din il-ġebla sas-seminarju biex terġa titpoġġa. Però resident ieħor qal li din il-ġebla kienet isservi bħala bollard biex wieħed ma jidħolx fis-*sagristija*, u anki li l-ġebla li tindika l-*mileage* kienet iktar l-isfel. Is-sindku qal, li se jagħmel iktar riċerka fuq dawn il-ġebel imsemmija u anki jitkellem ma' ċertu niex mdaħħlin fiż-żmien. Is-sindku kompla, li wisq probabli din il-ġebla msemmija ġabruha u tinsab fl-għalqa ta' l-arċipriet biex din eventwalment tista' titpoġġa.

69.7.13 Sar suġġeriment mingħand resident biex Triq Gerxija tinbidel l-isem għal Triq il-Kavallier Garcia, il-kavallier li kienu jħallsu ċ-ċens lilu. Is-sindku qal li biex tinbidel isem ta' triq li tkun ilha ftit imsemmija, tkun diffiċli minħabba li jkunu jridu jinbidlu dokumentazzjonijiet bħal - ID cards, liċenzji passaporti etċ. minn naħa tar-residenti. Però, dan l-isem jistew jissuġġeruh lill-bord ta' l-ismijiet tat-toroq jekk ikun hemm xi triq ġdida fir-raħal li tkun trid tissemma.

69.7.14 Il-kunsillier Tewma qal li f'xi laqgħa preċedenti kien issuġġeriet li ismijiet ta' toroq bħal triq it-Tin, Triq il-Pinnur etċ, jinbidlu għall-fatt li huwa ssuġġeriet li se jinbidlu *numbering* tad-djar, però skont is-sindku s'issa ma hemm indikazzjonjiet li dawn se jinbidlu u għalhekk tkun diffiċli biex jinbidlu l-ismijiet għax ikunu jridu jinbidlu dokumentazzjonijiet tar-residenti. Il-kunsillier Tewma semma jekk parti minn triq Seguna tistax tingħata isem ġdid. Il-problema tibqa dejjem id-dokumentazzjoni li jkunu jridu jinbidlu minn naħa tar-residenti, però jekk

ikun hemm approvazzjoni minn naħa tar-residenti, ikunu jistgħu jiktbu lill-bord ta' l-ismijiet tat-toroq fuq dan is-suġġeriment.

69.7.15

Resident partikuari talab li jsir *bicycle parking poles* fi Triq il-Qortina peress li din il-persuna għandha B&B f'dawn l-inħawi, l-kunsill se jitlob għall-approvazzjoni mingħand *transport Malta*. Is-segretarja eżekuttiva qalet li sewwa wkoll li dawn il-*bicycle parking poles* ikunu aktar f'postijiet ċentrali, fejn is-sindku qal li diġa jeżistu u se jkomplu jiżdiedu.

69.8 Is-sindku qal li Triq l-10 t'Ottubru sar wiċċ ġdid tat-*tarmac* minn naħa tas-servizzi ta' l-ilma, pero' li 'Stop Sign' ma reġgħet twaħħlet. Kien hemm *Stop Sign* ukoll fi Triq Santa Marija li nqelgħet wkoll, u s-sindku enfasizza li dawn is-sinjali jitwaħħlu fl-inqas żmien possibbli.

69.8.1

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2024

69.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku tal-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-viċi Sindku Galea u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda
69.9.1 approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-3.53pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2024, fis-1.30 pm.

Konfermati, illum 25 ta' Ġunju 2024

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva